**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 235/2011**

**Illum: 24 ta' April 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Kevin Tanti**
**(ID 562075(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Kevin Tanti ta' 35 sena, iben Anthony u Lilian nee` Sawyer, imwieled il-Pieta`fid-9 ta' Novembru 1975 u joqghod temporanjament fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin jew 21, Birkirkara Hill, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 562075(M);

Akkuzat talli fil-21 ta' Frar 2011 ghall-habta tal-11.00 a.m. u z-zminijiet qabel waqt li kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-gzejjer:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. B'hekk kiser il-kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-18 ta' Novembru 2009 mill-Magistrat Dr. G. Grixti LL.D.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz u li mhumiex ikkontestati kienu s-segwenti: Nhar il-21 ta' Frar 2011, waqt li ghall-habta tal-11.00 a.m., l-Ufficjali tal-Habs CO133 Raymond Theuma, CO1 Christopher Azzopardi u CO4 Jurgen Stanicic dahlu ghall-gharrieda gewwa c-cella bin-numru 204 f'Divizjoni 5, liema cella kienet okkupata mill-imputat odjern, sabiex jaghmlu tfittxija, minn idejh, l-

istess imputat tahom borza tal-plastik zghira li kien fiha sustanza kannella suspettata droga.[1]

L-imputat irilaxxja stqarrija nhar it-22 ta' Frar 2011, liema stqarrija ttiehdet wara li huwa nghata s-solita twissija skont il-ligi u wara li nghata wkoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt madankollu huwa ghazel li ma jezercitahx.[2] F'din l-istqarrija, l-imputat ikkonferma illi sal-jum ta' qabel, huwa kien qieghed jinzamm gewwa cella numru 204 fid-Divizjoni 5, izda mill-bqija ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu, kif kellu kull dritt li jaghmel.[3]

Mir-relazzjoni tal-espert, l-Ispizjar Mario Mifsud jirrizulta illi nhar it-22 ta' Frar 2011, huwa gie moghti dokument mill-Ispettur Spiridione Zammit, liema dokument kien jikkonsisti f'*envelope* ta' lewn abjad tan-*National Statistics Office – Malta*, li fuqu kien hemm il-kliem "*204, Kevin Tanti CO 4, CO133, CO1, 11.00 h, PS 1147(SOCO), For Insp. S. Zammit*". F'dan l-*envelope* kien hemm ingwanta tal-*latex* li go fiha kien hemm borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm blokka zghira ta' sustanza ta' lewn kannella. Skont l-istess relazzjoni, mir-rizultati miksuba, l-espert seta' jikkonkludi illi fil-blokka zghira ta' sustanza ta' lewn kannella, fl-imsemmi dokument, f'ammont nett totali ta' 2.08 grammi, instabet is-sustanza <u>*6-Monoacetylmorphine*</u>, liema sustanza hija prodott ta' degradazzjoni tas-sustanza Herojina.[4]

Fix-xhieda tieghu[5], l-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ikkonferma l-kontenut tar-relazzjoni tieghu u spjega illi s-sustanza *6-Monoacetylmorphine* hija prodott ta' degradazzjoni tas-sustanza eroina u li ghalkemm <u>din m'hijiex is-sustanza eroina</u>, fil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, hemm ukoll id-derivattivi tal-morfina u tal-eroina u allura, skont l-istess espert, is-sustanza *6-Monoacetylmorphine* hija skedata wkoll.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri.[6] Huwa jghid illi fiz-zmien mertu tal-kawza odjerna, huwa kien ghadu kif dahal il-habs, dak iz-zmien kien jiddependi fuq id-droga, mar gewwa l-Isptar Monte Karmeli ghall-mistura u hekk kif nizel

---

[1] Ara x-xhieda ta' CO1 Chris Azzopardi, a fol. 52 sa 56 tal-process; ix-xhieda ta' CO133 Raymond Theuma, a fol. 57 sa 59 tal-process; ix-xhieda ta' CO4 Jurgen Stanicich, a fol. 60 sa 64 tal-process u x-xhieda ta' PS 353 Antoine Sacco, a fol. 71 sa 73 tal-process.
[2] Ara x-xhieda tal-Ispettur Spiridione Zammit, a fol. 42 tal-process.
[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 46 u 47 tal-process.
[4] Ara r-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, a fol. 28 tal-process.
[5] A fol. 81 sa 83 tal-process.
[6] A fol. 95 sa 98 tal-process.

lura l-habs, xtara l-eroina mid-divizjoni li kien jinsab fiha. Ikkonferma li nstabitlu l-eroina waqt tfittxija li saritlu u qal li kellu pakkett zghir hafna.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jibda biex jinghad illi ghakemm fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2014, id-difiza eccepiet in-nullita` ta' dawn il-proceduri u dan stante li l-imputat diga` kien inghata piena dwar l-istess fatti gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin meta, skont l-istess difiza, huwa nghata xahar rekluzjoni u ghalkemm mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat jirrizulta wkoll illi wara l-kaz, huwa kien gie trasferit gewwa Divizjoni 6, mix-xhieda ta' PC 762 George Camilleri ma jirrizultax dak li ssostni d-difiza. Anzi l-istess xhud, mitlub jghid jekk ittiehdux passi kontra l-imputat fuq il-kaz li sehh fil-21 ta' Frar 2011, iwiegeb illi mir-rekords jidher li ma ttiehdu l-ebda passi mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Habs dwar dak li sehh fil-jum imsemmi.[7] Ghaldaqstant l-eccezzjoni tad-difiza m'hijiex wahda fondata.

M'hemmx dubbju u *del resto* lanqas ma huwa kkontestat mid-difiza illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess ta' borza tal-plastik li kienet tikkontjeni sustanza kannella, waqt li kien fic-cella tieghu f'Divizjoni 5. L-imputat stess fix-xhieda tieghu jghid illi huwa kien xtara d-droga eroina mill-istess divizjoni li kien jinsab fiha u li fil-pussess tieghu kienet instabitlu din id-droga.

Biss il-Qorti tinnota illi mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud jirrizulta illi s-sustanza minnu analizzata (misjuba fil-pussess tal-imputat) kienet tikkontjeni s-sustanza *6-Monoacetylmorphine* ossia prodott ta' degradazzjoni tas-sustanza eroina. Fix-xhieda tieghu, kif inghad izjed 'il fuq, l-istess espert jispjega dwar dan illi din m'hijiex is-sustanza eroina, ghalkemm prodott tad-degradazzjoni taghha u illi d-derivattivi tal-eroina, inkluz din is-sustanza *6-Monoacetylmorphine,* huma skedati wkoll. Minn dan allura l-Qorti tifhem illi fil-waqt illi din is-sustanza m'hijiex is-sustanza eroina, la darba din hija prodott tad-degradazzjoni taghha, ifisser ukoll illi originarjament l-istess sustanza kienet tikkontjeni l-eroina.

Madankollu, m'hemmx prova li tindika li fil-mument li din kienet fil-pussess tal-imputat, l-istess sustanza kien fiha l-eroina. Ghalkemm l-intenzjoni tal-imputat kienet li jakkwista u jkollu fil-pussess tieghu l-eroina – u fil-fatt huwa jghid illi fil-pussess tieghu huwa kellu din is-sustanza – biss meta din is-sustanza giet analizzata, instabet fiha biss is-sustanza *6-Monoacetylmorphine*. Fil-waqt li tirrizulta indubbjament l-intenzjoni tal-imputat li jkollu fil-pussess tieghu d-droga

[7] Ara x-xhieda a fol. 87 u 88 tal-process.

eroina, mill-banda l-ohra l-att materjali ma jirrizultax ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi la darba mhuwiex possibbli li jigi determinat, mill-provi, jekk id-degradazzjoni mill-eroina f'din is-sustanza sehhitx qabel din kienet fil-pussess tal-imputat (u allura l-imputat dejjem kellu fil-pussess tieghu s-sustanza *6-Monoacetylmorphine*) jew inkella wara (u allura l-imputat verament kellu fil-pussess tieghu l-eroina). Semmai, in vista tar-rizultanzi msemmija, ir-reat addebitat lill-imputat ma kellux ikun dak tal-pussess tal-eroina, izda dak tal-pussess tas-sustanza msemmija li, skont l-istess espert hija wkoll skedata. L-imputat ghalhekk kellu jigi akkuzat bil-pussess tal-*esthers* u l-*ethers* tas-sustanza herojina, li wkoll huma skedati fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda, bhas-sustanza herojina.

Ghaldaqstant, in vista tar-rizultanzi tal-espert forensiku, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputat ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ossia dik li permezz taghha l-imputat gie akkuzat talli kiser kundizzjoni imposta fuqu permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, tat-18 ta' Novembru 2009, la darba mhijiex tinstab reita` fl-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, isegwi illi l-imputat lanqas ma jista' jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza esebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat